Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 01/15 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 08/01/15 fis-6.30 pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti |
| | | Joan Agius | Preżenti mis-7.00pm |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**01 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01 1. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 12/14 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet: | |
| | 12.4.2 | Wara l-kelma 'Mużikali', tidħol il-kelma 'Beland'. | | |
| | 12.5.1 | Fl-aħħar tal-paragarafu, tidħol is-sentenza 'Il-Kuntrattur beda, qabel ma ltaqa l-Kunsill'. | | |
| 01 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01 2. Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01 2 1 | 12.2.2 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li dawn għadhom pendenti. | Hales |
| 01 2 2 | 12.2.6 | Hales: Isem ta' triq għal Alexander Cachia Zammit | Hales qal li talab l-opinjoni tal-Maltapost minħabba x-xebh li jeżisti bejn Alfredo u Alexander. Dawn permezz tas-CEO tagħhom esprimew in-nuqqas ta' qbil taghhom minħabba li s-similarita tista' toħloq xi diffikulta' fit-tqassim tal-ittra. Hales kompla jgħid li l-Kumitat inkarigat mit-Tismija tat-Toroq mistenni jibgħat l-veduti tiegħu dwar l-istess materja. | Hales |
| 01 2 3 | 12.2.8 | Camilleri: One Way Triq San Klement | Camilleri staqsa x'tip ta' ilmenti kien hemm dwar il-one way ta' Triq San Klement u talab sabiex titwessa l-biċċa ta' Misraħ il-Bjar. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| | | | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex il-familja li għandha problema biex tidħol fil-garaxx, tiġi avviċinata. Is-Sindku spjega li diġa' mar fuq il-post u tkellem mar-resident u talbu sabiex jikteb lil TM biex ineħħu parkeġġ. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 4 | 12.2.9 | Agius: Ħlas Għaqda ta' l-Armar | Il-Kunsilliera Agius staqsiet kif bqajna fuq il-ħlas lill-Għaqda ta' l-Armar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-sena 2013 iċċekkajna u sibna li l-kuntrattur ma ħallasx u għalhekk il-Kunsill għamel il-ħlas ta' Eur233. Ser issir laqgħa ma' l-Għaqda sabiex dan jiġi ċċarat għal quddiem. | Sindku |
| 01 | 2 | 5 | 12.2.10 | Hales: One way traffic fi Triq Lvant | Hales informa lill-Kunsill li għadna ma rċevejniex risposta. Il-Kunsill ser jiġi infurmat meta tasal xi forma ta' tweġiba minn TM. | Hales |
| 01 | 2 | 6 | 12.2.11 | Caruana: Korrispondenza TM | Il-Kunsillier Caruana reġa' fakkar sabiex jingħata kopja tal-korrispondenza li għaddiet lill-Kunsill TM dwar mera fi Triq Bormla wara l-barumbara. | Segretarjat |
| 01 | 2 | 7 | 12.2.15 | Hales: Tabella Ġnien l-Għannejja Żwieten | Hales rraporta lill-Kunsill li t-tabella għadha ma saritx peress li ntalab sponsor mill-Bank of Valletta għat-tabelli tal-ħames ġonna lokali. | Hales |
| 01 | 2 | 8 | 12.2.20 | Viċi-Sindku: Premju Soċjeta' Ġusta | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk is-Segretarjat kitibx lis-Sur Angelo Zahra biex jifraħlu. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Fenech ipproponiet li min jipproponi ittri ta' dan it-tip, jiġi ikkuppjat. **Il-Kunsill qabel.** | Segretarjat |
| 01 | 2 | 9 | 12.2.26 | Hales: One Way fi Triq Ħal Bajda | Hales rraporta lill-Kunsill li s-sistema tat-traffiku ġiet imreġġa lura għal dik li kienet. | Hales |
| 01 | 2 | 10 | 12.3.3 | Fenech: Parking fi Triq id-Duluri | Fenech staqsiet jekk saritx il-laqgħa mal-Pulizija u l-Post Master. Is-Sindku informa l-Kunsill li kien hemm progress u ser isiru l-bollards biex jgħinu lir-residenti. | Sindku |
| 01 | 2 | 11 | 12.3.5 | Camilleri: Prize Day Skola Primary B | Camilleri nforma lill-Kunsill li ma kienx jaf biha għax kieku kien jieħu ħsieb hu stess biex jinxtraw il-kotba. Is-Sindku qal li l-Kunsill offra 4 kotba u s-surmast qasamhom f'kategoriji. | |
| 01 | 2 | 12 | 12.3.7 | Caruana: Yellow lines fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Caruana fakkar sabiex isir iċ-centre line fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fil-blind corner viċin il-ħanut tal-laħam. | Hales |
| 01 | 2 | 13 | 12.6.2 | Fenech: Football pitch turf | Fenech staqsiet jekk intbagħtitx xi korrispondenza. Is-Sindku spjega li inkitbet ittra lis-Segretarju Permanenti fejn dan qalilna biex nikkuntattjaw lill-KMS fejn dawn infurmawna li ser joħorġu xi skemi fil-futur qarib. Fenech infurmat lill-Kunsill li għamlet kuntatt ma' l-MFA biex jinġieb il-ħaxix għall-pitch ta' Ġebel San Martin u talbet kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet mill-Kunsill. | Fenech |
| 01 | 2 | 14 | 12.6.9 | Chircop: Konkors Letterarju | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għall-konkors letterarju jagħlqu fil-21 ta' Frar filwaqt li ser jiftħu n-nominazzjonijiet għal Ġieh iż-Żejtun. Chircop ippropona sabiex għas-serata ta' Ġieh iż-Żejtun tkun mistiedna l-kantanta Corazon Mizzi. **Il-Kunsill qabel.** | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 15 | 12.6.12 | Chircop: Ċerimonja Titlu ta' Belt | Chircop informa lill-Kunsill li ċ-ċerimonja Titlu ta' Belt saret u sar ukoll il-kunċert tal-Milied li kellu attendenza tajba u saret ġabra għar-restawr tal-Knisja. | Chircop |
| 01 | 2 | 16 | 12.6.13 | Camilleri: Sleeping Policeman fi Triq Lvant | Camilleri staqsa jekk hux ser issir sleeping policeman oħra fil-parti ta' fuq ta' Triq Lvant. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. | Sindku |
| 01 | 2 | 17 | 12.6.14 | Caruana: Madum jiċċaqlaq | Caruana fakkar sabiex isir xogħol fuq madum jiċċaqlaq quddiem Gerada Pharmacy fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill. | Sindku |
| 01 | 2 | 18 | 12.6.15 | Caruana: Katina | Caruana fakkar sabiex titneħħa l-katina li hemm fil-konkos fi Triq Sant'Anġlu k/m Triq Bisqallin. | Sindku |
| 01 | 2 | 19 | 12.6.16 | Hales: Double yellow lines fi Triq Sant'Anġlu k/m Triq Bisqallin | Il-Kunsillier Hales saqsa lill-Kunsillier Caruana sabiex jindika f'liema kantuniera huma meħtieġa. | Hales |
| 01 | 2 | 20 | 12.6.19 | Agius: Xmas carols mit-tfal | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita ta' xmas carols mit-tfal kif ukoll il-party tat-tfal tal-Milied saru. Saret pantomina f'Ħaż Żabbar u l-film fit-2 ta' Jannar. Il-hike tħassar u saret żjara lic-Circus on Ice fl-4 ta' Jannar. Agius fakkret li fl-10 ta' Jannar ser ikun hemm id-Dinner Dance. | Agius |
| 01 | 2 | 21 | 12.6.26 | Viċi-Sindku: Attivita 12/12/14 | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita saret fil-15 ta' Diċembru minflok fit-12 ta' Diċembru u tfal ta' Year 6 li jattendu l-iskola primarja ta' M'Skala kantaw għanjiet tal-Milied lill-anzjani tad-Day Centre. | Viċi-Sindku |

**01 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/15. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | 01 | MEPA: PA3961/05 | **Il-Kunsill qabel li jġib klarifikazzjoni dwar dan l-iżvilupp.** | Sindku |
| 01 | 3 | 2 | 03 | MEPA: Plot vojta fi Triq il-Ħarr | Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Hales sabiex isegwi din il-korrispondenza. | Hales |
| 01 | 3 | 3 | 10 | DLG: Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart | Filwaqt li l-Kunsill innota din il-korrispondenza, il-kunsillier Caruana semma li l-iskart qed jintefa fit-tarf tat-triq u jinġabar f'ħin ieħor. Is-Sindku talab lil Caruana sabiex iġib l-isem tat-triq ta' fejn qed isir dan l-abbuż. | Hales |
| 01 | 3 | 4 | 11 | DLG: Opportunita għall-Kunsilli Lokali | **Il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti proġett fi Ġnien San Girgor, bħal bdil tal-play ground equipment u jiżdied kontribut mill-privat fi proġett bi sħab.** Il-Viċi-Sindku ipproponiet changing facilities u sfruttament ta' l-open theatre permezz ta' tinda. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Il-Kunsilliera Agius ipproniet library area fi Ġnien San Girgor kif ukoll civic amenity site bejn iż-Żejtun u Ħal Tarxien fi Triq il-Ħolba. F'dan il-proġett jista' jidħol il-Gvern jew il-privat. Is-Sindku spjega li f'din iż-żona hemm applikazzjoni biex jiġi approvat l-isptar St James. Agius ipproponiet ukoll tisbiħ fl-inħawi mal-blokki tal-housing u restawr ta' Ċentru Arti u Artiġjanat. Is-Sindku spjega li dwar din il-proposta il-Kunsill jista' jikseb fondi minn skemi oħra ta' restawr. | |
| 01 | 3 | 5 | 20 | T. Abela. Petizzjoni - One Way Triq Santu Wistin | Il-Kunsill innota l-petizzjoni li rċieva sabiex Triq Santu Wistin issir one way. **Il-Kunsill qabel li jgħaddi din il-petizzjoni lil TM sabiex tagħti l-kummenti tagħha.** Il-Kunsilliera Fenech talbet kopja tal-korrispondenza. | Hales Segretarjat |
| 01 | 3 | 6 | 26 | M. Grech: Skart fi Triq l-Isqof Emm. Galea | Il-Kunsilliera Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li xi residenti minn Triq l-Isqof Emm. Galea joħorġu l-iskart wara nofsinhar filwaqt li l-Kunsillier Chircop qal li xi residenti minn fejn kienet is-St. Catherine Pharmacy qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jagħmlu l-iskart faċċata fuq iċ-ċint. Dan peress li l-bankina hija dejqa u ġieli l-iskart tagħhom jispiċċa f'nofs it-triq. | Hales |

**01 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju |
| 01 | 4. | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |

01 4 2 i Hales ppropona sabiex tinħareġ tender għal tindif ta' storms water systems. Is-Sindku talab sabiex issir lista ta' spralli.

Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilma li jżomm fi Triq it-Tempju. Il-Kunsillier Hales qal li hemmhekk saret toqba sabiex l-ilma jiskula.

ii **Il-Kunsill approva ukoll il-ħlas tas-servizz kuntrattwali ta' ġbir ta' skart tax-xahar ta' Diċembru 2014 peress li dan ma jinsabx fil-lista.**

iii Il-Kunsilliera Fenech irrimarkat li fuq il-lista tal-ħlasijiet hemm persuni li għadhom ma għalqux is-16 -il sena. Il-Kunsilliera Agius qamet minn mal-mejda minħabba interess pekunjarju. Is-Sindku spjega li dan mhuwiex ħlas iżda kumpens. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku qal li ser insaqsu jekk il-Kunsill jistax jgħaddi kumpens lill-persuna ta' taħt is-16 -il sena. Għaldaqstant pagamenti 93 u 97 mhux ser jitħallsu għalissa.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 4 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/15 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01 4 4 | | Petty Cash - Diċembru 2014 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €229.95 | Segretarju |

**01 5. Rapport - Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 5 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku ppreżenta rapport dwar id-dħul u l-ħrug tac-Child Day Care Centre għal matul ix-xahar ta' Novembru u Diċembru 2014. Ġiet preżentata wkoll bank statement tal-Fondazzjoni. | |
| 01 5 2 | | Viċi-Sindku: Awdituri | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk hux ser ikun hemm awditjar. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv. | |
| 01 5 3 | | Viċi-Sindku: Manutenzjoni | Il-Viċi-Sindku staqsiet ukoll x'se jiġri rigward ħlas ta' dawl, ilma etc taċ-Ċentru. Is-Sindku spjega li issa ċ-ċentru ser ikun awtonomu. | |

**01 6. Performance Bonuses ta' l-Impjegati**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 6 1 | | Sindku: Preżentazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv | **Il-Kunsill qabel uanimament li jħallas performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li wettaq tul is-sena 2014.** | |
| 01 6 2 | | Sindku: Preżentazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati klerikali u manwali | **Il-Kunsill qabel uanimament li jħallas performance bonus ta' 6% lill-istaff klerikali kif ukoll manwali tax-xogħol li wettqu tul is-sena 2014. Il-Kunsill approva wkoll 6% performance bonus lill-impjegati li taw ir-riżenja tagħhom tul l-2014.** | |

**01 7. Bankini Triq Lorenzo Gafa' u Triq Melchiorre Gafa'**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jagħmel kuntatt mal-kuntrattur sabiex jara fhiex wasal. | Sindku |

**01 8. Triq Alfred Cachia Zammit**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 8. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq il-Palazzi tlestiet iżda fir-rigward ta' Triq Bir id-Deheb u Triq A. Cachia Zammit, it-tender għadha ma ntgħażlitx. Dwar ir-ring road, il-Kunsill baqa' mingħajr risposta u għalhekk ser tinkiteb ittra lill-Ministru Mizzi. Għadna ninsistu sabiex issir Triq Ħal Tarxien peress li din hija triq li tintuża minn ħafna Żwieten. Il-Kunsill ġie infurmat li ser isiru Sqaq Ħaż Żabbar Nru 3, u Sqaq Brieqex li ma jaqax taħt il-lokalita' taż-Żejtun. | Sindku |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 9. | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| 01 9. 1 | | Ġie innutat li għal din il-laqgħa ma kinux preżentati mozzjonijiet. | | |

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 10. | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| 01 10. 1 | | Sindku: Rapporti laqgħa pubblika | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu r-rapporti tagħhom kemm jista' jkun malajr peress li l-laqgħa li jmiss ser tkun il-laqgħa pubblika, segwita bil-laqgħa tal-Kunsill. | |
| 01 10. 2 | | Fenech: Live-in | Fenech infurmat lill-Kunsill li bejn it-23 u l-25 ta' Jannar iż-żgħażagħ ser jagħmlu live-in f'MXlokk dwar Environmental Sustainability fejn ser jinħadmu affarijiet għas-Sala tal-gym. | Fenech |
| 01 10. 3 | | Fenech: Proġett Erasmus + | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser tissottometti proġett taħt il-programm Erasmus +, European Youth of Sports, mill-Kunsill Malti għall-Isports. Dan il-proġett se jkun 80% finanzjat mill-EU u 20% mill-Kunsill Lokali. F'dan il-proġett ser siru mobility sessions għall-anzjani fid-Dar ta' l-Anzjani. | Fenech |
| 01 10. 4 | | Sindku: Tender Street Lighting | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill ħareġ it-tender ta' l-istreet lighting ma' 5 Kunsilli oħra: M'Xlokk, M'Skala, Safi, Żabbar, Xgħajra. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm żieda fil-prezz tar-rati li juża l-Kunsill. | Sindku |
| 01 10. 5 | | Caruana: Yellow line fi Triq Emanuel Cannataci | Caruana talab sabiex jitwal il-yellow line fil-ġenb tal-garaxx nru. 25 fi Triq Emanuel Cannataci. Hales spjega li dan sar skont il-qisien stabbiliti minn TM. | Hales |
| 01 10. 6 | | Caruana: Triq Anġlu Gatt | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-parking bays fi Triq Anġlu Gatt u jitneħħa r-reserved parking bay li mhuwiex bl-approvazzjoni ta' TM. Hales spjega li l-parkeġġ ser jonqos drastikament minħabba l-parking bays. | Hales |
| 01 10. 7 | | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li fix-xhur li ġejjin ser isiru dawn l-attivitajiet: Recreational activity għall-familja bejn 6 u 8 ta' Frar, Wirja għal San Valentinu fis-7 ta' Frar, Karnival fin-Nadur fl-14 ta' Frar filwaqt li għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara ser issir għotja ta' demm. Agius fakkret li l-kids club jibqa' għaddej tul is-sena kollha. | Agius |
| 01 10. 8 | | Viċi-Sindku: Attivita' Fondazzjoni Nazzarett | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jgħin fil-printing taċ-ċertifikati għall-parteċipanti li ser jieħdu sehem fiż-Zumbatona li ser issir fl-1 ta' Frar fil-Pjazza tas-Suq **Il-Kunsill qabel**. Iċ-ċertifikati ser ikollhom il-logo tal-Kunsill ipprintjati fuqhom. | Viċi-Sindku Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01 | 10. 9 | Fenech: Baġits Sotto Kumitati | Fenech talbet sabiex il-fondi li ma ntużawx fis-sotto kumitati fl-2014 jiġu mġedda għas-sena 2015. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu mġedda bħala promozzjoni tal-bżulija tal-ħidma tal-Kunsilliera. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-09.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 12 ta' Frar, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtunwara l-laqgħa pubblika.

Joe Attard
Sindku

KUNSILL LOKALI
ŻEJTUN
Città Beland

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv